

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1070/2012

tal-14 ta' Novembru 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 fir-rigward tal-importazzjonijiet preferenzjali barra mill-kwota tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u l-kwota tal-importazzjonijiet tal-prodotti mill-ħalib li joriġinaw mir-Repubblika tal-Moldova

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huwa emendat kif ġej:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 144(1) u l-Artikolu 148(c), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

(1) Il-Kapitolu II tat-Titolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"KAPITOLU II

**Importazzjonijiet barra mill-kwota abbażi tal-liċenzja tal-importazzjoni waħidha**

Artikolu 20

1. Dan il-Kapitolu japplika għal:

Billi:

(1) Il-Kapitolu I tat-Titolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprova regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa <sup>(2)</sup> japplika għall-kwota tal-importazzjoni Nru 09.4210 prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 <sup>(3)</sup> u allokata lir-Repubblika tal-Moldova sal-2012. Ir-Regolament (UE) Nru 581/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> jestendi l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 55/2008 sa tmiem l-2015. Għalhekk huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 iqis l-estensjoni tal-perjodu ta' żmien tal-kwota Nru 09.4210.

(a) importazzjonijiet preferenzjali, mhux suġġetti għal kwoti, kif jissewma:

(i) fl-Anness I tal-Protokoll 1 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija,

(ii) l-Anness IV tal-Ftehim mal-Afrika t'Isfel,

(iii) l-Anness 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli;

(2) Il-Kapitolu II tat-Titolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 jipprevedi regoli dwar importazzjonijiet preferenzjali barra mill-kwota taħt ftehimiet u atti speċifiċi. Huwa xieraq, għall-finijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-importazzjonijiet, li daww ir-regoli japplikaw ukoll għall-importazzjonijiet preferenzjali barra mill-kwota l-oħrajn kollha li huma koperti mill-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, huwa xieraq, għal finijiet ta' ċarezza u trasparenza, li daww ir-regoli jinkludu l-obbligu li jiġi speċifikat id-dazju tal-importazzjoni preferenzjali fil-kaxxa 24 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzja u l-liċenzji.

(b) kwalunkwe importazzjoni preferenzjali oħra, mhux suġġetta għal kwoti, tal-prodotti msemmija fil-punt J tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

2. Għall-importazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, il-prodotti kkonċernati u r-rati ta' dazju applikabbli huma elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 21

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja u l-liċenzji juru:

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(a) fil-kaxxa 8, il-pajjiż tal-oriġini;

(b) fil-kaxxa 20, waħda mill-entrati elenkati fl-Anness XVI.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

2. Il-liċenzji juru. fil-kaxxa 24, ir-rata ta' dazju mnaqqsa applikabbli.

3. Il-liċenzji jkollhom obbligu li jimportaw mill-pajjiż indikat fil-kaxxa 8.

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29.

<sup>(3)</sup> ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 165, 24.6.2011, p. 5.

*Artikolu 22*

Ir-rata ta' dazju mnaqqsa tiġi applikata biss mal-preżentazzjoni tal-liċenzja tal-importazzjoni u mal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera akkumpanjata mill-prova tal-orijini."

(2) Fl-Anness I, il-Parti J tinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---

## ANNEX

"LJ

## KWOTA TARIFFARJA SKONT L-ANNESS I TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 55/2008

Numru tal-kwota	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni <sup>(1)</sup>	Pajjiż tal-orijini	Sena tal-importazzjoni	Kwota annwali mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru (ftunnellati) (fil-piż tal-prodotti)		Dazju tal-importazzjoni (EUR/100 kg piż nett)
					Annwali	Kull sitt xhur	
09.4210	0401 sa 0406		Ir-Repubblika tal-Moldova				0
		Prodotti mill-ħalib		Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2008		1 000	
				2009	1 000	500	
				2010 sa 2015	1 500	750	

<sup>(1)</sup> Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, għandu jitqies li l-mod ta' kif jiġu deskritti l-prodotti għandu biss valur indikattiv peress li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali hija ddeterminata fil-kuntest ta' dan l-Anness mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċijiet tan-NM. Fejn huma indikati ex-kodiċi tan-NM, l-applikabbiltà tal-iskema preferenzjali hija ddeterminata abbażi tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien."